



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

2011/2178(INI)

22.11.2011

OPINJONI

tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar suq uniku diġitali kompetittiv – il-Gvern elettroniku bħala xprun
(2011/2178(COM))

Rapporteur: Gianni Pittella

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jissottolinja l-fatt li l-potenzjal tal-Ewropa li tiżviluppa servizzi onlajn għaċ-ċittadini u l-kumpaniji għandu jiġi sfruttat bis-sħiħ; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jtejbju u jiżviluppaw il-proċeduri informattivi u amministrattivi li huma disponibbli onlajn;
2. Jitlob lill-Kummissjoni tiżviluppa strateġija komprensiva biex tinbena Ewropa verament diġitali, li l-Gvern elettroniku jkun wieħed mis-sisien tagħha; jenfasizza li l-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Gvern elettroniku 2011-2015 jirrappreżenta opportunità unika biex l-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej u nazzjonali jiġu mmodernizzati u n-nefqa għalihom tonqos, u b'hekk ikunu jistgħu jisfruttaw bis-sħiħ il-potenzjal ta' integrazzjoni Ewropea akbar u jitrawmu t-tkabbir, l-innovazzjoni, il-mobilità għaċ-ċittadini u għall-professjonisti, l-opportunitajiet għan-negozzji, speċjalment l-SMEs, u l-parteċipazzjoni pubblika fid-definizzjoni tal-politiki;
3. Jenfasizza r-rabta bejn l-oġettivi tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Gvern elettroniku u l-implimentazzjoni effettiva tal-Aġenda Diġitali tal-UE; jissottolinja l-fatt li l-Gvern elettroniku jeħtieġ prekondizzjonijiet tekniċi rigward l-interoperabilità bejn il-fruntieri, l-ispeċifikazzjonijiet miftuħa, l-iskambju ta' informazzjoni u l-użu ta' katalizzaturi bħall-ġestjoni tal-identità u l-iskemi tal-ħlas elettroniċi;
4. Iqis li l-Gvern elettroniku għandu jitqies bħala pass lejn tip ta' gvern miftuħ li jkun trasparenti, parteċipattiv u kollaborattiv; f'dan ir-rigward, jistieden lill-Istati Membri jippromwovu l-aċċess miftuħ għad-dejta pubblika u l-użu tal-Web 2.0 sabiex iżidu l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini; huwa tal-fehma li l-prinċipju tal-gvern miftuħ għandu jkun implimentat fi proċess pass b'pass, li jinvolvi dawn l-istadji konsekuttivi: tizzied it-trasparenza, titrawwem il-parteċipazzjoni, tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni, u jiġi implimentat il-proċess ta' governanza trasversali;
5. Jenfasizza li, fil-kuntest tas-suq uniku diġitali, l-Unjoni teħtieġ twettaq għal kollox il-potenzjal tal-iżviluppi teknoloġiċi ġodda, tal-ICT u tal-internet, sabiex jiġu żviluppati sistemi ta' Gvern elettroniku u ta' Amministrazzjoni elektronika fl-Ewropa li jkunu jiswew anqas, ikunu aktar effiċjenti u aktar trasparenti, li se jkunu ta' benefiċċju kbir għaċ-ċittadini Ewropej, il-konsumaturi, l-awtoritajiet lokali u l-SMEs;
6. Jistieden lill-Kummissjoni ssir aktar involuta fl-iżvilupp tas-servizzi tal-Gvern elettroniku billi tagħti linji gwida u appoġġ, tiġbor l-aħjar Prattiki u tiffaċilita l-iskambju tal-informazzjoni fost l-Istati Membri;
7. Jenfasizza l-bżonn li tiġi ffaċilitata l-mobilità fis-suq uniku u tithehha l-burokrazija żejda għaċ-ċittadini fil-ħajja tagħhom ta' kuljum, biex b'hekk ikunu jistgħu jikkomunikaw, iwettqu tranżazzjonijiet, jibagħtu u jirċievu dokumenti elettroniċi u informazzjoni lejn u minn l-amministrazzjonijiet pubbliċi madwar l-UE, u b'hekk tiġi żgurata, pereżempju, il-

- portabilità ġenwina tad-drittijiet ta' sigurtà soċjali;
- jissottolinja l-fatt li l-aċċess għall-proċeduri u għall-informazzjoni onlajn jista' jnaqqas il-burokrazija u l-ispejjeż, iżid l-effiċjenza tal-gvern u jtejjeb b'mod konsiderevoli r-relazzjonijiet tan-nies mal-livelli amministrattivi kollha, kif ukoll l-ambjent tan-negozju fl-UE;
8. Jenfasizza li t-titjib u l-modernizzazzjoni diġitali ulterjuri tas-setturi pubbliċi fl-Istati Membri għandhom iqisu l-ħtiġijiet essenzjali taċ-ċittadini ordinarji, speċjalment dawk fis-sitwazzjonijiet l-aktar vulnerabbli bħaż-żgħażaġh, dawk b'livell baxx ta' edukazzjoni, dawk b'diżabilità jew mingħajr aċċess għall-internet, bil-għan li jiġi ggarantit aċċess ugwali għal servizz pubbliku ta' kwalità għolja għaċ-ċittadini kollha tal-UE;
 9. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex kontinwament jinfurmaw liċ-ċittadini dwar il-portals eżistenti tal-UE bħas-SOLVIT u "L-Ewropa Tiegħek" minħabba li n-nuqqas attwali ta' informazzjoni qed jikkawża aktar dewmien fl-iżvilupp tal-ambjent tan-negozju u tal-arranġamenti għall-ħarsien tal-konsumatur, speċjalment fiż-żoni transkonfinali;
 10. Jistieden lill-Kummissjoni żżomm kont tal-ġhodod kollha għas-soluzzjoni tal-problemi u tal-portals ta' informazzjoni onlajn eżistenti li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jipprovdu u tikkollegahom jew tikkonsolidahom fejn ikun possibbli; jirrakkomanda li l-portals ġodda onlajn jiġu żviluppatti biss meta l-integrazzjoni fis-sistemi eżistenti ma tkunx vijabbli;
 11. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw portals komprensivi tal-Gvern elettroniku għan-negozji sabiex ikunu ffaċilitati l-ħolqien ta' negozji u l-attività transkonfinali; hu tal-fehma li l-Punti ta' Kuntatt Uniku skont id-Direttiva dwar is-Servizzi jistgħu jipprovdu bażi għal tali servizzi; jinnota li hemm diversi differenzi fil-faċilità tal-użu, fl-aċċessibilità u fis-servizzi pprovduti, bejn il-Punti ta' Kuntatt Uniku fid-diversi Stati Membri; jistieden lill-Kummissjoni tissorvelja kontinwament din is-sitwazzjoni u ttiprovdi pariri u appoġġ lill-Istati Membri fejn ikun hemm bżonn;
 12. Jinsisti dwar il-fatt li l-promozzjoni tal-Gvern elettroniku u l-iżvilupp ta' servizzi onlajn garantiti għall-SMEs għandhom jitqiesu bħala waħda mill-prijoritajiet primarji għat-twaqqif ta' suq uniku diġitali kompetittiv, skont l-Att dwar in-Negozji ż-Żgħar u l-prinċipju "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir";
 13. Jenfasizza li, fl-iżvilupp tal-infrastrutturi u s-servizzi skont il-Pjan ta' Azzjoni tal-Gvern Elettroniku, għandhom ikunu żgurati u implimentati livelli ottimali u regolati ta' protezzjoni għad-dejta personali b'mod uniformi fost l-Istati Membri sabiex ikun evitat kwalunkwe traċċar mhux awtorizzat tal-informazzjoni personali bħall-istatus mediku jew ir-rekords tas-saħħa u sabiex ikun iggarantit li d-dejta tintuża biss għal finijiet leġittimi bħal, pereżempju, il-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa, u li l-iskambju tal-informazzjoni miġbura ma jmurx lil hinn minn dak li huwa assolutament neċessarju;
 14. Jissottolinja l-importanza tal-promozzjoni u l-użu tal-aktar teknoloġiji avvanzati disponibbli li jirriżultaw mir-riċerka u l-iżvilupp sabiex jiġi żgurat li jkun hemm protezzjoni u sigurtà tad-dejta kontra l-attakki ċibernetiċi;
 15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jtejjbu l-involvement tal-awtoritajiet lokali u

reġjonali fir-rigward tal-aċċess għall-informazzjoni tas-settur pubbliku, mingħajr ma jkun hemm duplikazzjoni fl-għoti attwali tal-informazzjoni fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, sabiex jittejjeb l-għoti tal-informazzjoni lill-pubbliku, lin-negozji u lill-istituzzjonijiet u jkun iffaċilitat il-ħolqien ta' impjiegi ġodda fil-livell lokali u reġjonali;

16. Ihegġegħ lill-Istati Membri jobbligaw lill-entitajiet pubbliċi jpoġġu għad-dispożizzjoni dejta billi jżommu repożitorji u katalogi ta' dejta pubblika u billi jiżguraw li jiġu stabbiliti regoli ta' żvelar u ta' użu mill-ġdid, filwaqt li jitqiesu l-liġi tad-dritt tal-awtur u l-liġi dwar il-protezzjoni tal-bażijiet tad-dejta;
17. Jinsisti dwar il-ħtieġa li jiġu żviluppati ulterjorment servizzi onlajn sikuri u effettivi bħall-identifikazzjoni u l-awtentikazzjoni elettroniki u l-applikazzjonijiet tan-negozju onlajn bħall-fatturazzjoni elettronika fi ħdan is-Suq Uniku; jilqa' għaldaqstant, l-inizjattiva tal-Kummissjoni dwar l-iżgurar tar-rikonoxximent reċiproku tal-identifikazzjoni u l-awtentikazzjoni elettroniki madwar l-UE u r-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Firem Elettroniki skont il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Att dwar is-Suq Uniku; jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposta biex tarmonizza l-fatturazzjoni elettronika fl-Unjoni Ewropea;
18. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu l-interoperabbiltà fost id-diversi pjattaformi għall-akkwist elettroniku li diġà jeżistu fl-Istati Membri; jappoġġa żieda fir-riżorsi għal inizjattivi bħal PEPPOL u e-CERTIS; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprovdu t-taħriġ meħtieġ lill-utenti kollha tal-Akkwist elettroniku, speċjalment lill-SMEs sabiex jifhmu u jużaw aħjar il-mekkaniżmi tas-sistema;
19. Ifakkar l-importanza li jiġu adottati miżuri leġiżlattivi adegwati għall-firem u l-awtentikazzjoni elettroniki, biex jiggarrantixxu suq ta' akkwist onlajn Ewropew sikur, effiċjenti u interkonness, li jsaħħaħ il-kompetizzjoni, l-innovazzjoni u l-parteeċipazzjoni tal-SMEs;
20. Jiddispjaċi li l-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni ma jagħtix iktar attenzjoni lil oqsma bħall-kontribut tal-amministrazzjonijiet għat-tkattir tad-dibattitu pubbliku; jiġbed l-attenzjoni dwar il-bżonn li titjieb il-parteeċipazzjoni pubblika fil-proċess politiku; jistieden lill-Istati Membri li għadhom ma introduċewx sistema ta' votazzjoni elettronika, biex jagħmlu dan, sabiex titrawwem parteeċipazzjoni akbar tas-soċjetà ċivili fil-proċess politiku; jenfasizza l-importanza li jiġi appoġġat kull tip ta' politika mmirata lejn it-tiħiħ tal-litteriżmu bażiku tat-teknoloġija tal-informatika u tal-komunikazzjoni; jinsisti dwar il-ħtieġa li tingħata informazzjoni adegwata u ċara dwar is-servizzi onlajn kemm liċ-ċittadini kif ukoll lin-negozji;
21. Jenfasizza li l-appoġġ għal żieda fl-informazzjoni bażika u fil-litteriżmu tat-teknoloġija tal-komunikazzjoni (ICT) u t-tegħlib tad-distakk fl-aċċess u d-differenzi fit-tagħmir tekniku użat miċ-ċittadini huma rekwiżiti bażiċi biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini kollha jkun jistgħu jużaw l-ICT;
22. Iqis li l-Gvern elettroniku għandu jkollu l-għan li jsaħħaħ il-parteeċipazzjoni demokratika permezz ta' konsultazzjoni pubblika trasparenti u involviment fil-proċess tat-tfassil tal-politika billi jindirizza liċ-ċittadini kollha kif ukoll lill-partijiet interessati rilevanti (u l-awtoritajiet lokali); jistieden lill-Istati Membri jintroduċu mekkaniżmi miftuħa ta'

konsultazzjoni pubblika bħala element permanenti tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet; hu tal-fehma li l-Istati Membri għandhom jiżviluppaw ukoll tekniki innovattivi u għodod ta' parteċipazzjoni pubblika fl-amministrazzjonijiet tagħhom, kif ukoll jissorveljaw il-kwalità tal-konsultazzjonijiet soċjali b'paragun mal-NGOs;

23. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw u jdaħħlu fis-seħħ għodod tal-ICT speċifiċi biex jiffaċilitaw il-Parteċipazzjoni onlajn - bħall-iskemi komuni ta' Petizzjonijiet onlajn - bil-għan li ċ-ċittadini tal-UE u l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi jingħataw il-possibilità konkreta li jużaw id-dritt tal-inizjattiva taċ-ċittadini, kif stipulat fl-Artikolu 11 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea;

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	22.11.2011
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 33 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Pablo Arias Echeverría, Lara Comi, Anna Maria Corazza Bildt, António Fernando Correia De Campos, Jürgen Creutzmann, Cornelis de Jong, Małgorzata Handzlik, Iliana Ivanova, Eija-Riitta Korhola, Edvard Kožušník, Hans-Peter Mayer, Gianni Pittella, Phil Prendergast, Mitro Repo, Robert Rochefort, Heide Rühle, Matteo Salvini, Christel Schaldemose, Róża Gräfin von Thun und Hohenstein, Emilie Turunen, Bernadette Vergnaud, Barbara Weiler
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Regina Bastos, María Irigoyen Pérez, Constance Le Grip, George Lyon, Emma McClarkin, Konstantinos Poupakis, Sylvana Rapti, Marc Tarabella, Kyriacos Triantaphyllides, Wim van de Camp
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Ramona Nicole Mănescu